**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dottoressa Monica Vella LL.D.; M.Jur.**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs**

**Keith Testa**

**Kumpilazzjoni Numru: 717/2022**

**Illum 28 ta' Gunju 2023;**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar is-7 ta' Dicembru 2022 talli:

Keith Testa ta' 21 sena bin Victor Testa u Carmen Testa nee' Saliba mwieled il-Pieta' nhar id-19 ta' Dicembru 2000 u residenti gewwa St. George, Triq il-Karmnu, Marsa u detentur tal-karta tal-identita' 901L.

U nakkuzawh talli:

F’ isem ir-Repubblika ta’ Malta akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn l-4 ta’ Awwissu 2022 u l-5 ta’ Awwissu 2022 ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta’ fil-ghodu (02.15 hrs) u fis-sieghat ta’ qabel gewwa Triq il-Merhba Fgura u/jew f’ dawn il-Gzejjer

Volontarjament ta’ nar fuq vettura bil-mutur, tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta’ registrazzjoni BBW692 waqt illi ma kien hemm l-ebda persuna hemm gewwa u filwaqt illi n-nar kien qieghed b’ mod li ma jistax iqabbad hruq f’ bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa ghad-detriment ta’ Melissa Jo Farrugia mill-Fgura u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontrajament ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ fuq vettura tal-ghamla ‘Toyota Vitz’ bin-numru ta’ registrazzjoni BBW 692 ghad-detriment ta’ Melissa Jo Farrugia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan b’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f‘kaz ta‘ sejbien ta‘ htija tikkundanna l-hati ghall-hlas lir-registratur tal-ispejjez kollha jew ta‘ parti mikll-ispejjez li kellhom x‘ jaqsmu mal-hatra ta‘ esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif mahsub f‘ artikolu 533 et sequitor tal-Kaptolu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta ghas-sigurta‘ ta‘ Melissa Jo Farrugia u tal-familjari taghha.

Hadet nota li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi fis-seduta tas-7 ta’ Marzu 2023.[1]

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti

Semghet ix-xhieda.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tad.-29 ta’ Marzu 2023.

Hadet nota li l-imputat wara li gie imwissi mill-Qorti ghal diversi drabi ammetta l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu waqt is-seduta tad-29 ta‘ Marzu 2023.[2]

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Semghet is-sottomissjinijiet tal-partijiet.

[1] Fol. 10 tal-process.
[2] Fol. 49 tal-process.
[3] Fol. 3 tal-process kif ukoll dik ipprezentata mill-Probation Officer Dorian Cornelius – Dok Dok D1.

Rat u qieset l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrelata hruq volontarju ta' vettura 'Toyota Vitz' bin-numru ta' registrazzjoni BBW 692 bejn l-4 ta' Awwissu u l-5 ta' Awwissu 2022 gewwa il-Fgura. JiIdher li ir-rapport dwar il-hruq tal-vettura sar minn terzi li joqghodu fil-vicinazi. Il-vittma Melissa Jo Farrugia ikkuntatjat lill-pulizija wara li sabet xi missed calls minghandhom u qalet li kienet ipparkjata fejn inharqet fit- 3 ta' Awwissu 2022 ghal habta ta' 17.30 hrs. Il-pulizija infurmat lill-Magistrat tal-Ghassa id-Dottoressa Natasha Galea Sciberras fejn hatret xi esperti biex jghinuha fl-investigazzjonijiet.

Il-vittma qalet li ma kienet qed tissuspetta f'hadd. Mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-pulizija waslet biex arrestat lill-imputat fit- 2 ta' Novembru 2022 fejn jidher li ikkollabora maghhom u sussegwentement inbdew dawn il-proceduri fil-konfront tieghu.[4]

**Il-Provi**

Xehdet **Stephania Calafato Testa** waqt is-seduta tal 1 ta' Marzu 2023 ai fini ta' recediva fejn pprezentata vera kopja ta' zewg sentenzi kontra

[4] Fol. 31 sa 33 tal-process.

l-imputat a fol. 17 u 21. Ikkonfermat li ma kienx hemm appell minn dawn is-sentenzi u li iz-zewg multi ghadhom ma thallsux.[5]

Xehed **PS 1396 Sergio Farrugia** fejn qal li li kien ircieva telefonata l-ghassa minn cert Wioleta Katarzyna li kien hemm vettura Toyota fi Triq il-Merhba Fgura qed taqbad. Jispjega kif hu cempel lill-protezzjoni civili u mar fuq il-post fejn ghamel l-ewwel stharrig. Jghid li huwa cempel lill-ispettur tal-ghassa u min hemm halli l-investigazzjonijiet f' idejh.[6]

Xehed **PS 2 Aaron Cini** fejn qal li huwa kien li ikkuntatja lis-sid tal-vettura u qalla biex tmur hdejha, ossija fejn hallitha.[7]

Xehed **l-iSpettur Mario Xiberras** waqt is-seduta tal- 1 ta' Marzu 2023 fejn ta rendikont tal-investigazzjoni li huwa mexxa.[8] Jghid li huwa kellem lill-sid il-vettura fejn qaltlu li kellha xi argument ma' certa Clive Gerada u li dan kien dejjem ikun ma' certa Keith Testa u talab il-mobile localisation taghhom. Jghid li skond il-mobile tieghu huwa kien fuq il-post fil-hin tal-hruq. Jghid li huwa talaba mandate ta' arrest li nhareg mill-Magistrat Dottoressa Natasha Galea Sciberras u meta gie arrestat qalulu bil-filmat u kif waslu ghalih. Jghid li huwa ikkopera bis-shih mal-investigaturi u semma ukoll xi persuni ohra li kienu mieghu. L-imputat spjega ukoll id-dinamika kif sar il-hruq. L-investigatur prezenta numru ta' dokumenti u **qal li l-hsara fuq il-vettura skond il-vittma kienet madwar Ewro 300**. [9]

[5] Fol. 15 tal-process.
[6] Fol. 29 tal-process.
[7] Fol. 34 tal-process.
[8] Fol. 36 tal-process.
[9] Fol. 36 tal-process.

Fl-istqarrija huwa jghid li lill-vittma ma jafhiex pero’ Clive Gerada kien ilu biex ipattijielha. Jghid li il-vittma, Clive Gerada kien johrog maghha u jaf biss li jisimha Melissa[10]. Ikompli jispeja li Clive Gerada kien iddispjacut ghax hija tohrog ma’ shabu u marritlu mal-akbar habib tieghu pero’ hu kien jghidlu biex ihalliha. Jghid iltaqa ma’ certa Karmnu u tah elf Ewro biex jaharqilha il-vettura u hu accetta ghax kellu bzonn il-flus. Jghid li fil-gurnata huwa ferrex il-petrol fuq il-karrozza biex kemm jista’ jkun ma taghmilx hsara u li dan il-petrol kien gabulu Clive Gerada.[11] Jghid li kien mar darb’ohra pero’ ma kellux il-gazz jahraqilha ghax beda igib it-tfal tal-vittma disegnata quddiemu. Jispjega ulterjorment li huwa pprova jaghmel hsara mill-anqas tant li lanqas it-tyers ma missilha bil-likwidu. Jiccara li huwa tefa il-likwidu u Timon haraqha bil-lighter. Timon huwa Clive Gerada. Jispjega ukoll kif telqu minn fuq il-post tal-akkadut. Ikompli jghid li Karmenu kien li tah l-elf Ewro. Jghid li wara l-incident kwazi iggieled maghhom ghax Clive u Karmenu baqghu jiltaqghu maghha. Karmenu ghandu familtu pero‘ iffissat fuq il-vittma u ried jaharqilha il-vetturi kollha ghax hija giddieba u ma zammitx kelmtha. Ix-xhud pero‘ ghamililu cara li mhux ser jahraq karrozzi aktar. Skond ix-xhud l-elf Ewro tajhomlu cash Karmenu. Jikkonkludi billi jghid li jiddispjacih u dan id-dispjacir sehh dak il-hin stess infatti qabbadha biex issir l-anqas hsara possibbli.

Xehed il-probation officer **Dorian Cornelius** waqt is-seduta tal-24 ta’ Mejju 2023 fejn ta rendikont tal-imputat. Jghid li ghandu relazzjoni tajba ma’ familtu u ghalkemm ma ghandux job stabbli qed jipprova ifittex wiehed. Jghid li ta’ 21 sena beda jiehu il-kokajina qisu darba fix-

[10] Fol. 54 tal-process.
[11] Fol. 55 tal-process.

xahar. L-ufficjal qed jirrikomanda li jkun hemm ordni ta' probation fil-massimu taghha.

**Ikkunsidrat:**

Dan huwa kaz ta' hruq ta' vettura ta' certa Melissa Jo Farrugia bejn l-4 u il-5 ta' Awwissu 2022. Skond l-ufficjal investigattiv l-ispettur Mario Xiberras il-hsarat jammontaw ghal madwar 300 Ewro. Ma jidhirx mill-atti processwali li din il-hsara thallset lill-vittma u jidher li f' temp qasir ta' zmien l-imputat xellef idejh tlett darbiet mal-gustizzja . Biss biss fil- 15 ta' Frar 2023 inghata *probation* ta' tlett snin kif ukoll ordni ta' trattament ghal-istess perjodu barra il-konfiska ta' Ewro 750 favur il-Gvern ta' Malta.[12] Jidher li l-imputat fil-passat recenti beda jaghmel uzu mill-kokajina b'mod abitudinali u probabilment kienet din is-sustanza li f' dawn l-ahhar zminijiet qalbitlu hajtu ta' taht fuq.

**Ikkunsidrat:**

L-artikolu applikabbli ghal din il-vertenza huma is-segwenti:

*318 Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma jkun hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura,għarix, jew lok ieħor, jkun qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm*

[12] Dok 1 ezebit mill-ufficjal tal-probation.

*ġewwa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija minn sentejn sa erba' snin.*

*……………………………………………………………………………………………*

*325.(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn uħames mitt euro (€2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar;*

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti semghet l-ammissjoni fit-tieni seduta tal-imputat li giet ikkonfermata xi minuti wara li gie imwissi bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni. Issa hu ben maghruf li ammissjoni bikrija mhux awtomatikament ghandha tirrizulta f' xi mitigazzjoni tal-piena.[13] Il-Qorti jidhrilha li fl-ikkalibrar tal-piena ghandha tqis is-segwenti fatturi:

[13] Ara f' dan is-sens is-segwenti sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali: **Il- Pulizija vs Emanuel Testa** (App. Nru. 152/2002) per Onorevoli Imhallef Vincent DeGaetano, **Il-Pulizija vs Constantino Felice et** (App. Nru. 210/2007) per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono; **Il-Pulizija vs Joseph Ellul** ( App. Nru. 476/2015) per Onorevoli Imhallef Giovanni Grixti, **Il-Pulizija vs Adolph Baldacchino** ( App. Nru. 162/2015) per Onorevoli Edwina Grima, **Il-Pulizija vs Christ Paul Camilleri** (App. Nru. 128/2018) kif ukoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ehab Zorgan** ( Att ta' Akkuza 3/2019) per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

1. Il-koperazzjoni shiha u inkondizzjonata mal-investigaturi;
2. L-ammissjoni fi stadju inizjali, ghalkemm mhux mill-ewwel, tal-imputat;
3. Il-fatt li ghadu ma ghamilx tajjeb ghal hsara lill-vittma ghalkemm huwa iddispjacut b‘ dak li ghamel;
4. Il-gravita‘ tal- fatt;
5. Il-fedina penali tieghu fejn hu diga’ qieghed taht ordni ta’ probation u trattament ghal perjodu ta’ tlett snin;
6. Ir-rakomandazzjoni tal-ufficjal tal-probation li irrikomanda perjodu ta’ probation fit-tul;[14]

Il-Qorti bla tlaqlieq tghid li l-akkuzi fil-konfront tal-imputat huma serji u mhux ser taccetta li xi hadd ghax ghandu bzonn il-flus jew li kellu xi pressjoni minn-shabu imur wara il-karozza ta’ xi hadd u jaghtiha in-nar. Barra minn hekk din il-Qorti trid tipprotegi mhux biss il-vittma diretta, mhux biss trid tipprotegi lil min forsi ikun ghaddej mit-triq jew jabita fil-fondi adjacenti, izda ukoll lill-membri tas-sigurta u lill-pumpiera li jmorru jitfu dawn il-vetturi li jkunu qed jaqbdu[15]. B’ hekk ghandu jintbghat messagg car li min jilghab man-nar fl-ahhar jinharaq!

Illi kieku mhux ghax huwa ikkollabora mill-ewwel mal-pulizija kif ukoll li ammetta waqt it-tieni seduta allura din il-Qorti kif preseduta kienet ser taghtih sentenza effettiva ta’ habs.

[14] Il-Qorti thoss li ghandha biss taqbel maghha *in parte* u dan ghaliex l-imputat diga‘ qieghed that ordni ta’ probation u trattament minn Frar 2023 ghal perjodu ta’ tlett snin.
[15] Ara **Il-Pulizija vs Carmelo Borg** deciza fil- 25 ta’ Jannar 2023 (Kump. 602/2020) minn din il-Qorti kif presduta, b’ mod partikolari pagna 20.

Mill-banda l-ohra lanqas tista' taqbel ghal kollox mad-difiza u l-*probation officer* li hu kandidat idejali ghall-*probation* u dan ghas-semplici raguni li jekk irid ikompli fit-triq tas-sewwa, kif din il-Qorti tawguralu, allura diga' qieghed taht ordni ta' *probation* u trattament ghall-perjodu pjuttost twil permezz ta' sentenza ohra moghtija fil-15 ta' Frar 2023 kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata Dok 1 fil-pre-sentencing report.

Il-Qorti tqis pero illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u sabiex taghti l-ahhar opportunita lill-imputat sabiex jaghmel hiltu kollha u jibqa' fit-triq tas-sewwa, u dan qed taghmlu biss  in vista tal-eta tal-imputat stante li l-Qorti tqis illi l-imputat ghadu fil-hin li jirraddrizza t-triq imbengla illi qabad u jaghmel hajja pozittiva ghall-futur tieghu u taghmilha cara illi fin-nuqqas dawn il-Qrati mhu ha jhallilhom l-ebda triq ohra hlief li jinkarcerawh.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, fuq ammissjoni tal-imputat, qed issib l-imputat HATI tal-akkuzi taht l-artikoli 318, 325 (1) (b), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ai termini tal-Artiklu 7 tal-Kap 446 qieghda Tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum, u ghal dan il-ghan ghalhekk tordna illi t-terminu ta' l-Ordni ta' Probation moghtija bis-sentenza tal-15 ta' Frar 2023 terga' tibda tiddekorri mil-lum u dan ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Inoltre l-imputat ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez peritali fl-ammont ta' erba' mija u sitta u sittin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (Ewro 466.28c) a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta[16].

Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar minn meta din is-sentenza issir *res gudikata* altrimenti konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.

Inoltre il-Qorti a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lill-imputat biex ma javvicina bl-ebda mod lil Melissa Jo Farrugia taht penali ta' Ewro 2,000 ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

**(ft) Dottoressa Monica Vella**

**Magistrat**

**(ft) Victor Deguaraa**

**Deputat Registratur.**

[16] Fol 24 tal- Process Verbal- Ing. David Borg Saydon- Ewro 347.14, Fol. 39 – PS 2293 – Ewro 93.75c, Fol. 60 (wara) Dr. Katya Vassallo Ewro 25.39c.